

Brussell, 8 ta' Marzu 2018
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2017/0244 (NLE)**

6779/18
ADD 1

SOC 117
EMPL 87
ECOFIN 203
EDUC 87
JEUN 24

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	6348/18
Nru dok. Cion:	13161/17 - COM(2017) 563 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi <i>Dikjarazzjoni mil-Latvja</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dikjarazzjoni mid-Delegazzjoni Latvjana dwar ir-Rakkomandazzjoni ta' hawn fuq, għad-dħul fil-minuti tal-Kunsill.

Dikjarazzjoni mid-Delegazzjoni Latvjana

dwar

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi

Il-Latvja tappoġġa l-miżuri proposti għat-titjib tal-kwalità u l-effettività tal-apprendistati fl-UE kollha.

Bil-ħsieb tal-implimentazzjoni u biex tiġi evitata l-interpretazzjoni żbaljata, hu importanti li t-terminoloġija użata fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tiġi çċarata. It-terminu "apprendistat" ma jikkorrispondix mat-terminoloġija inkorporata fil-leġislazzjoni nazzjonali tal-Latvja. It-terminu korrispondenti l-aktar qrib il-kontenut ta' din il-proposta fil-lingwa Latvjana huwa "*darba vidē balstītas mācības*", li jfisser "tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol".

Kwistjonijiet ta' terminoloġija fil-konfront tal-Latvja tqajmu fil-kumitat EMCO matul l-eżerċizzju ta' sorveljanza multilaterali waqt ir-rieżami tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż.

Intlaħaq ftehim ġenerali li, rigward is-sitwazzjoni u r-riformi li għaddejjin fil-Latvja, għandu jintuża t-terminu "tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol".